**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Novembru 2008 — Calzaturificio Frau vs UASI — Camper (Forma ta' arkata stilizzata b'wiċċ solidu)**

**(Kawża T-304/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta arkata stilizzata b'wiċċ solidu — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti li tirrappreżenta arkata stilizzata — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2008/C 327/41)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Calzaturificio SpA (San Giovanni Ilarione, l-Italja) (rappreżentant: A. Rizzoli, avukat)

*Konvenuta:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto u L. Rampini, aġenti)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Camper, SL (Inca, Spanja) (rappreżentant: I. Temiño Ceniceros, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Ġunju 2007 (Każ R 768/2006-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Camper, SL u Calzaturificio Frau SpA.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Calzaturificio Frau SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 235, 6.10.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Novembru 2008 — Speiser vs Il-Parlament**

**(Kawża T-390/07 P)** [1]

***("Appell — Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal temporanji — Ammissibbiltà — Allowance ta' espatrijazzjoni — Deċiżjoni purament konfermattiva — Ilment tardiv")***

(2008/C 327/42)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Michael Alexander Speiser (Neu-Isenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Theumer, avukat)

*Appellat:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment A. Lukošiūtė u N. Lorenz, u wara A. Lukošiūtė u S. Seyr, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' Settembru 2007, Speiser vs Il-Parlament (F-146/06, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż li sostniet fil-kuntest ta' din l-istanza.*

[1] ĠU C 297, 8.12.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal- 25 ta' Settembru 2008 — Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-363/03)** [1]

***("Rikors għal annullament — FEŻR — Kanċellament ta' għajnuna finanzjarja — Irkupru tal-ammonti diġà mħallsa — Entità reġjonali jew lokali — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbilta")***

(2008/C 327/43)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Regione Siciliana (l-Italja) (rappreżentant: A. Cingolo, avvocato dello Stato)